**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Vs**

**Grazio Calleja**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Grazio Calleja ta' 45 sena iben Emanuel u Concetta nee' Scerri, mwieled Pieta' nhar is-16 ta' Frar 1968, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 104468M u residenti Flat 3, Roses, Triq Mikiel Calleja, Tarxien;

Talli bejn it-12 u s-17 ta' Settembru 2005, mir-residenza bl-isem ta' Jesmar, li tinsab fi Triq il-Gross, Marsascala:

1) Ikkommetta serq ta' gojjellerija, cameras, flus u diversi affarijiet ohra liema serq huwa ggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Carmelo Camilleri w Maria Camilleri u/jew persuna/i ohra.

2) U aktar talli sarr rcrdiv ai' termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-12 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A kif emendat, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza bl-istess ammissjoni tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' €922.47 bhala spejjez tal-proces verbal lir-Registratur tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**